**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 63/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**

**vs**

**George Debono ta' 28 sena, iben**
**Francis u Josephine nee Mifsud,**
**mwieled Pieta' fl-10 ta' Mejju, 1973**
**u residenti 7, Valletta Road, Qormi,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 260273 (M).**

**Illum 1 ta' Frar, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi George Debono li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Jannar, 2002 f'xi hin matul il-gurnata, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' Hi Fi u affarijiet ohra minn vettura ta' l-ghamla Skoda Felica ta' kulur silver, bin-numru tar-registrazzjoni KBA-606 li kienet ipparkjata fi Triq l-Imsell, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, u xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Albert Debono.

Talli nhar il-21 ta' Jannar, 2002 f'xi hin matul il-gurnata, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta Hi Fi u affarijiet ohra minn vettura ta' l-ghamla Hyundai ta' kulur silver metallic, bin-numru tar-registrazzjoni KBA-775 li kienet ipparkjata fi Triq it-Trunciera, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detrimetn ta' Robert Cassar.

Talli fil-21 ta' Jannar, 2002 f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Talli fil-21 ta' Jannar, 2002 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara f'zewg vetturi fuq imsemmija, liema hsara separatament hija ta' aktar minn hamsin lira Maltin (Lm 50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm 500) u li saret ghad-dannu ta' Albert Debono u Robert Cassar rispettivament.

Talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 27 ta' Ottubru, 1993 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-Ammissjoni ta' George Debono.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji. Semghet il-kunsens ta' l-istess Debono ghall-istess proceduri.

Rat li George Debono ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkonsdrat

Illi invista ta' l-ammissjoni tieghu George Debono qed jinsab hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 20, 17, 325, 49 tal-Kap 9.

B'dan illi t-tielet akkuza hija assorbita fl-ewwel zewg akkuzi. Rat il-fedina penali ta' George Debono li mhix wahda refrattarja.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena. In vista ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat George Debono, dwar il-piena il-Qorti qeghda tqieghdu taht ordni ta' probation ghal zmien 18-il xahar mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Qeghda ghal skop ta' Probation tahtar lill-Probation Officer Carmen Borg b'dan illi George Debono ghandu jsegwi kull direttiva moghtija lilu mill-Probation Officer, inkluz li jibda u jkompli kwalunkwe programm, jekk ikun il-kaz li l-istess probation officer jista' jidrilha xieraq. B'dan ukoll li l-Probation Officer

ghandha tirraporta kull sitt gimghat fil-prezenza ta' l-istess George Debono l-andament u l-progress tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.